MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 52

26 ta' Ottubru 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
ASSENTI
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.34pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin. Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet talba.

## 52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

52.1.1 Is-Sindku qal li s-Sinjura Scerri kienet tinsab imsiefra. Din l-apoloġija ġiet aċċettata.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

52.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 52 ġew approvati.

## 52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

52.3.1 *Ufficċini*

Is-Sur Cordina qal li x-xogħol reġa' qabad pass mgħaġġel, sar it-tikħil fuq ġewwa u beda xi xogħol fuq barra wkoll. Qal li fadal xi jsir imma għallinqas iċċaqalqu u ma kienx hemm għalfejn toħroġ id-*default notice.*

52.3.2 *Skema Libreriji*

Ġiet approvata s-somma ta' €2,500 sabiex jinxtraw kotba ġodda għal-Librerija Pubblika Dott. Ugo Mifsud Bonnici. Dawn il-fondi se jingħataw mir-Reġjun Tramuntana sabiex il-Libreriji Pubbliċi ikunu dejjem iktar aġġornati.

Is-Sur Victor Galea propona li ssir promozzjoni sabiex it-tfal ikunu jafu iktar b'din il-Librerija u jitħajjru jissellfu. Is-Sur Cordina qal li fis-sena joħorġu mal-21,000 ktieb. Is-Sur Bartolo saqsa min jixtri il-kotba? Is-Sur Cordina qal li tieħu ħsieb kollox is-Segretarju Eżekuttiv u l-kotba jixtraw skont id-domanda min-nies u ġeneralment ikunu bil-Malti għat-Tfal u Kbar u bl-Ingliż għat-tfal u kbar (*fiction).* L-Avukat Brincat qal li hemm offerta tal-Agenda bħalissa u biha jkunu jistgħu jinxtraw iktar kotba.

52.3.3 *Attivita' Iffjurit bil-Ward Infewwaħ*

Is-Sur Cordina qal li ġie avviċinat minn persuna għan-nom tas-Soċjetà Mużikali 'La Stella Levantina' li wkoll kellu laqgħa miegħu sabiex issir attività *Iffjurit bil-Ward Infewwaħ* fit-13 ta' Mejju 2023.

L-Avukat Caruana daħlet f'dan il-mument 5.41pm

Hu kompla jgħid u jirrepeti a benefiċċju tal-Avukat Caruana li se jkun hemm ikel, xorb u stalls differenti. Qal li ġiet mitluba l-għajnuna tal-Kunsill fil-permessi maħruġa u dawk ta' TM fejn

jidħlu għeluq ta' toroq, l-użu ta' Ġnien l-Istazzjon, dwal temporanju u l-użu tal-parkeġġ ta' ħdejn il-Corinthia għr-residenti sakemm issir l-attività fi Triq Sant'Anton u Triq Lord Strickland.

Is-Sur Bartolo qal li hu jaqbel ħafna ma dawn l-attivitajiet u jkun hemm *advertising* tajjeb u li jkun hemm preżenza mill-Kunsill. L-Avukat Brincat saqsa meta ħa jkun lest Ġnien l-Istazzjon? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *target date* hi Marzu 2023. Kulħadd qabel.

## 52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

52.4.1 Is-Sur Victor Galea

- Semma l-*bicycle lane* fi Triq Tumas Chetcuti li qed jipparkjaw fuqha u li hemm xi ħadd jirraporta u jinqalgħu ħafna ċitazzjonijiet. Qal li jekk issir pressjoni biex din tidjieq ikun hemm iktar parkeġġ għar-residenti u ħaddiema. Is-Sur Cordina qal li kif kulhadd jaf ilu jagħmel pressjoni anka għal fatt li l-pjanti oriġinali ta' din il-biċċa kienu differenti imma minħabba l-garaxxijiet ġie deċiż li jitneħħa l-parkeġġ. Hu qal li kieku titnaqqas il-*bicycle lane* bi tliet piedi ukoll jifdal parkeġġ biżżejjed. Infrastructure Malta qalet li hemm standard size għall-*lane* imma mhux kullimkien hemm qies standard. Is-Sur Galea qal li jista' jintervjeni l-Ministru imma s-Sur Cordina tenna li l-ebda Ministru mhu ħa jerfa' ċertu responsabbilità. Hu kompla jgħid li jekk xi ħadd irid ikellem lill-Ministru affarieh imma mhux biex jiżżeffen fin-nofs.

  Is-Sur Cordina qal li anka fejn tidħol infurzar joqgħodu attenti għax hemm każijiet fejn residenti qed jirrapurtaw residenti stress. Kompla jgħid li anka fuq fb hemm paġna jisimha Roti li dawn ġabu ritratt ta' Tumas Chetcuti fejn inkuraġġixxu n-nies jirrapurtawhom lill-LESA u Pulizija.

- Saqsa fuq il-blue badge parking bay ta' ħdejn l-iskola li ġiet miżbugħa sewda. Hu qal li din ġiet mizbugħa hekk għax mhix blue badge normali imma għal waqt il-ħin tal-iskola biss u l-bqija jista' jipparkja kulħadd. Is-Sur Victor qal li kien ipparkjat u ġie l-Pulizija fuqu u kelmu, Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik hi boarding alighting waqt il-ħin tal-iskola u għalhekk inżebghat lura sewda bl-isfar.

Is-Sur Giorgio Schembri talab li jiġi skużat minħabba li kien jinsab ma jiflaħx 5.56pm.

52.4.2 Is-Sur John Bonnici

- Talab li jsiru marki 50km jew 60km sabiex jitnaqqas l-ispeed u jkunu jistgħu joħroġu u jidħlu fid-drive-in.
- Saqsa wkoll fuq l-i*speed camera* u s-Sur Cordina qal li qed jiġu kkunsidrati anka f'toroq bħal Dun Mikiel Xerri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fis-Central Link qed isiru *traffic counts* u saħansitra anka, qal is-Sur Cordina marru bil-*guns* u kejjlu speed ta' 145km fis-siegħa. Is-Sur Cordina qal li per eżempju ma jifhimx if tneħħew il-*lights* ta' ħdejn il-Corinthia u sar sett ġdid ħdejn l-Ambaxxata ta' Tunis. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li

dan hu l-istess argument għala saru *lights* oħra fil-junction ta' ħdejn il-forestals biex xorta jeħel it-traffiku.

- Saqsa fuq il-bin l-iswed ħdejn il-bus tal-Papa u għala dan inqala'? Is-Sur Cordina qal li dan tweħħel u nqala' mill-Kunsill stess għax ilmentat residenta li toqgħod biswit. Kompla jgħid li mar ikellimha bil-kwiet u neħħieħ għax inutli li kien ħa joqgħod jargumenta la xorta ħa jkollu jeħel x'ħin jasal il-*bus shelter.*

52.4.3 L-Avukat Brincat

- Ilmenta fuq l-ammont kbir ta' *hornets* fl-akwata tiegħu. Qal li jaf li hemm l-Agrikoltura qed tagħmel xi forma ta' studju imma dawn jagħmlu ħsara kemm lill-bniedem u anka lill-Eko Sistema partikularment lin-naħal stess. Huma jinġibdu lejn l-ikel tal-qtates u jagħmlu ħsara kbira. Is-Sur Cordina qal li fil-pubbliku mhux problema jintervjenu d-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika imma mhux fil-privat. L-Avukat Brincat qal li anka fix-xquq tal-ħitan, AC Units ibejtu.

## 52.5 Rapporti

52.5.1 Is-Sindku ħalla f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv biex tispjega r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni sabiex jintgħażel Perit. Hi qalet li dan it-tender ħareġ f'Marzu, għalaq fil-5 ta' April bil-Bord jiltaqa' darbtejn biex jaġġudika skont il-kriterji li f'dan il-każ kien il-prezz. Minħabba li l-irħas prezz kien dak ta' Neil Markham, dan ġie mistoqsi jissottometti raġuni wara l-prezzijiet tiegħu u ġaladarba dawn kienu sodifaċenti l-għażla waqgħet fuqu.

Is-Sur Galea saqsa jekk b'dan it-tender ġdid ix-xogħol li wettaq il-Perit Falzon hux se jispiċċa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-proġetti mibdijin jitkomplew taħt is-Superviżjoni tiegħu, il-ġodda jgħaddu f'idejn NM u li m'hemmx bżonn *handover*. Is-Sur Galea talab biex jiltaqgħu mal-Perit anke waqt laqgħa tal-Kunsill. Ir-rapport ġie approvat.

L-Avukat Brincat saqsa min kienu l-Evalwaturi. Is-Sur Cordina qal li kienu:
Christopher Falzon – Evalwatur
Remigio Bartolo – Evalwatur
L-Avukat Helen Caruana – Evalwatur
L-Avukat Caruana tenniet li f'dan hemm l-aspett legali fin-nofs u li kieku ma marrux fuq l-irħas offerta kien jagħti lok għall-appell. La kellu kollox *in line* u ssottometta *breakdown* tal-prezz kien ikun hemm lok għall-appell, kien jingħata raġun u l-Kunsill kien idum bla servizz ta' Perit.
Stefan Cordina – Ċermen
Marica Mifsud – Segretarja tal-Bord

## 52.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

***Rapport tal-Bord tal-Għażla 5 ta' Ottubru 2022***

52.6.1 Il-Kunsill ħareġ is-sejħa sabiex tiġi mpjegat/a *accounts clerk* skont il-proċedura u ġew mistiedna diversi persuni min-naħa tal-Jobs Plus taħt il-parti 3C1 u parti 3C2 sabiex

japplikaw għal din il-pożizzjoni.

Sfortunatament il-Kunsill ma kellux konkorrenza taħt il-parti 3C1 imsemmija hawn. Kien għalhekk li ntalab permess sabiex il-parti 3C2 u dik esterna jinħarġu flimkien u għalhekk ġie ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Permezz ta' dan l-avviż applikaw 3 persuni li ġew imsejħa għall-*interview* illum stess u li kollha kienu familjari mal-proċedura tal-kontabilità.

Għal dawn l-*interviews*, il-kandidati kollha kkonfermaw l-attendenza tagħhom.

Wara diskussjoni nterna il-Bord iddeċieda li l-iktar persuna idoneja għal l-impjieg hija s-Sinjorina Joanne Aquilina minħabba l-kwalifiki tagħha fejn jidħol awditjar u kontabilità. Mistoqsija dwar id-disponibilità biex tibda mal-Kunsill hi qalet li bħalissa mhix taħdem u li disponibbli tibda minn meta jingħadilha.

Għaldaqstant b'mod unanimu ġie maqbul li tiġi mpjegata għal din il-pożizzjoni vakanti.

Iffirmata Stefan Cordina, Helen Caruana, Giorgio Schembri u Marica Mifsud

Dan ir-rapport ġie approvat u s-Sinjura Aquilina għandha tiġi ngaġġata fi Scala 15.

52.6.2 Ma kienx hemm affarijiet oħra.

## 52.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

52.7.1 Approvati. Is-Sur Cordina saqsa għall-proponent u sekondant u vvolontarjaw is-Sur Alex Mangion Proponent u l-Avukat Caruana Sekondant.

## 52.8 Mozzjonijiet; u

52.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 52.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

52.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.27pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' Novembru 2022 fis-5.30pm

Konfermati, illum 23 ta' Novembru 2022.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv